# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 280/01mm**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**Anne Marie Busuttil**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm256.84) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' "premiums"

dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenuta, kif jidher mill-istatement anness bhala Dokument A.

Bl-imghax mill-31 ta' Awissu, 1998, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 2001, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.